**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 119 – IT-TNEJN, 1 TA' APRIL 2019 FIS-6.15PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Joan Farrrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 118**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 118**

2.1 Dwar punt 4.1 kien hemm qbil li kull applikazzjoni għal żvilupp f'Wied Għomor għandha ssir oġġezzjoni uffiċjali mill-Kunsill.

**3 Pagamenti Numru 105**

3.1 Is Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġie innutat li ser isiru zebra crossings ġodda fi Triq Bella Vista u Triq l-Istefanotis. Dawn ser isiru minn TM. Il-Kunsill ma ġiex notifikat li ser jibdew dawn ix-xogħlijiet.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata l-approvazzjoni tal-finanzjament favur il-komunità eżerċizzju fiżiku u sports.

5.2 Kien hemm qbil li għandha tinħareġ it-tender tal-public convenience issa li ġejna kkomunikati mid-DLG li mhux ser jiġu amministratati mod ċentrali l-public conveniences ta' Malta.

5.3 Kien hemm qbil li nospitaw il-GreenPak għal nofs ta nhar ta' promozzjoni favur ir-reċiklar.

5.4 Ġie innutat li ser ikun hemm monti temporanju f'Ta Żwejt li ser jiċċaqlaq minn Birkirkara minħabba xogħlijiet fit-triq tagħhom.

5.5 Ġie innutat li sar d-distribuzzjoni tal bins il-ġodda tal-Wasteserv.

5.6 Kien hemm diskussjoni rigward kawża li hemm kontra l-Kunsill minn persuna kunjomu Vella fejn dan allega li waqa' zokk ta' siġra hu u għaddej minn Triq Bella Vista. Reġa' ġie kkonfermat li l-Kunsill m'għandux jaċċetta t-tort fid-dawl li l-insurance tal-Kunsill ma aċċettawx din it-talba tas-Sur Vella.

5.7 Reġa' ġie mfakkar dwar l-attività tal-24 ta' April ACIS fejn il-Kunsill ser jieħu sehem. Ġew approvati l-ispejjeż neċessarji għal din l-attività.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm bżonn li jitbattlu aktar spissi l-iskips tal-GreenPak. Hu fakkar ukoll li hemm barrier fi Triq Wied Għollieqa li twaħħlet mil-lukanda li hemm fit-triq.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 22 ta' April 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |